**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**KAZ NRU 399/2016**

**WS**

**vs**

**Crystal Finance Investments Limited**

**(C26761)**

**Seduta tat-13 ta' Novembru 2017**

**L-Arbitru**

Ra l-ilment fejn l-ilmentatur jghid li fl-2014 kien investa fil-BP203 wara li kien avza b'mod specifiku lill-provditur tas-servizz li ried investiment mhux ta' riskju ghal flusu u dan ghall-ammont nominali ta' €10,000.

Jghid li huwa m'huwiex investitur professjonali u ried biss investiment b'kapital garantit.

Jghid ukoll li dawn il-flus kien faddalhom mix-xoghol li kien hadem u kien qaghad fuq il-pariri tal-impjegati tal-provditur tas-servizz. Kulma ried kien li jaghmel profitt biex ikun jista' jaghti l-flus lit-tfal.

Ghall-habta ta' Lulju 2015, il-provditur kien cempillu u qallu li l-investiment ma kienx sejjer tajjeb.

Il-provditur tas-servizz qallu biex jigbed €3,000 minn '*dan l-account*'.

Il-provditur irrifjuta li jaghtih aktar flus minn dan l-*account*.

Il-provditur tas-servizz, permezz ta' Oliver Ellul, rega' cempillu fit-13 ta' Lulju 2016, u qallu li l-investiment rega' kien qed jitlef il-flus.

Huwa qed jitlob lill-Arbitru sabiex jaghtih kumpens fl-ammont ta' €7,000 - il-bilanc li kien ghad fadal fl-*account* flimkien '*mal-profitti'*.

Ra li, skont decizjoni preliminari tal-24 ta' Jannar 2017, il-provditur tas-servizz gie dikjarat kontumaci

Ra l-provi mressqa mill-ilmentatur

Sema' x-xhieda

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz

**Jikkonsidra:**

Jibda biex jinghad illi l-kontumacja ma tfissirx ammisjoni tat-talba izda kon-testazzjoni tat-talbiet tal-ilmentatur ghalkemm, f'dan il-kaz, il-kontestazzjoni hi wahda generika u mhix specifikata f'hiex tikkonsisti peress li l-provditur tas-servizz huwa kontumaci.

Bhal kull kaz iehor, l-ilmentatur irid jipprova li dak li qed jallega jrid jikkonvinci moralment lill-Arbitru li l-fatti allegati huma minnhom u jridu jwasslu lill-Arbitru biex skont dak li hu gust, ekwu u ragonevoli jkun jista' jilqa' l-ilment.

L-Arbitru ghandu jistrieh fuq il-provi prodotti mill-ilmentatur.

**Provi**

Qabel xejn, irid jinghad li skont verbal tat-8 ta' Novembru 2016, hemm registrat li bi zvista kien sar il-kontroezami ta' WS u ta' LL. Però, l-partijiet qablu li dawn il-kontroezamijiet jitnehhew mill-atti jekk il-gustifi- kazzjoni tal-kontumacja ma tintlaqax u l-kontroezamijiet thallew biss ghall-

pratticità, biex jekk il-gustifikazzjoni ghall-kontumacja tintlaqa', ma joqghodx isir xoghol doppju.[1]

Peress li l-provditur tas-servizz gie dikjarat kontumaci, dawn il-kontroezamijiet m'ghandhomx jitqiesu li jiffurmaw parti mill-atti tal-kaz u l-Arbitru ser iqis biss ix-xhieda tal-ilmentatur u ta' bintu, LL.

L-ilmentatur xehed li kien jahdem bhala *driver,* u wara li kien pogga fl-*HSBC* xi investiment li kien ghalaqlu, kitbulu tal-*Crystal Finance* jekk iridx jinvesti maghhom.

'*Wara l-ittra kont mort Hal Qormi u kellimni certu Oliver Ellul u qalli li kellu xi affarijiet fejn naghmel il-flus u thajjart u ghamilt €10,000 u qalli li kellhom offerta tal-5% ghal hames snin u dak kollox. Hu qalli li se jinvestuhom f'xi postijiet, però jien ma nifhimx…Jien kont ghidtlu li l-kapital ma jridx jintmiss, qalli alright u ghalija dak kollox. Iffirmajt hafna karti però ma nafx x'kienu….Ghidtilhom biex ma jibghatulix ittri bl-Ingliz u qaltli 'Mhux numri dawn?'….Jien ftit li xejn naf naqra u nikteb. Jista' jkun li ffirmajtilhom jien biex jigbdu l-flus li kelli l-bank biex ninvesti maghhom.'*[2]

Isostni li kienu cemplulu tal-*Crystal Finance* u qalulu biex jigbed €3,000 minnhom ghax qalulu li l-investiment ma kienx sejjer tajjeb, u meta qalilhom li ried jigbed kollox, qalulu li jrid ihallas ammont jekk jigbidhom; u peress li ma qalulux kemm kien dan l-ammont, allura beza' u halla l-kumplament ta' €7,000 fil-kont.

Wara, meta rcieva imghax biss fuq is-€7,000, mar kellimhom u bdew idawrulu d-diskors. F'anqas minn xahar wara, qalulu li xi haga marret hazin u naqas il-kapital u '*sal-lum ghadni ma nafx x'gara*.'

Xehdet ukoll LL, bint l-ilmentatur, li qalet li ma' missierha kienet titkellem spiss u, apparti kontijiet fil-banek, qatt ma kellu investimenti ohra u qatt ma kellu intenzjoni li jfittex investimenti ta' riskju kbir.

'*Missieri kien mar ghand Crystal Finance wara li rcieva ittra minghandhom b'investimenti ta' 5%, però jien ma kontx mieghu meta mar. Kien hemm zmien*

[1] A fol 54
[2] A fol 51-52

*meta dan l-investiment kien sejjer tajjeb u kienu cemplulu dwar xi bonus. F'perjodu qasir wara qalulu li kien sejjer hazin u li beda jitlef minnhom.....Jien tkellimt bit-telefon ma' Oliver u ghidtlu ghalfejn tah dan l-investiment meta missieri ma riedx jirriskja. Qalli li dawk kien hemm available u dawk offrielu.'*[3]

L-allegazzjoni ewlenija hija li l-ilmentatur ma riedx prodotti riskjuzi li jistghu jieklu mill-kapital. Ghalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk il-prodotti li gew offruti lill-ilmentatur kienux *suitable* ghalih meta jitqiesu c-cirkustanzi tieghu u anke l-aspettattivi ragonevoli tieghu.

**Imbaghad meta jitqies kollox l-Arbitru jrid jasal ghal decizjoni jekk l-ilment huwiex wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikulari tal-kaz.**[4]

**Il-Prodott Offrut u jekk kienx addattat ghall-ilmentatur**

Dan kien il-BP203 li kien maghmul minn erba' *bonds* sottostanti:

- 6 ¼ % Stern Immobilien AG:2013-23.5.18 (Valor 21311385)
- 7 ¾ % Sanha GmbH & Co KG:2013-4.6.18 (Valor 21311425)
- (8 ½ - 9 1/8) open %: Rickmers Holding GmbH: 2013-11.6-18 (Valor 21426036)
- 7 ¼ % German Pellets GmbH: 2013-9.7.18 (Valor 21774511)

**Din il-*bond* tnehhiet mill-BP203 f'Lulju 2015 tant li l-BP203.1, li nholoq mill-provditur tas-servizz, kien kompost mit-tliet *bonds* l-ohra.**

L-ilmentatur ma pprezenta l-ebda dokument li jiddeskrivi dawn il-*bonds* sottostanti izda, minn ricerka li ghamel l-Arbitru, jirrizultalu li kemm il-BP203 kif ukoll il-BP203.1 ma kienux portafolli b'livell baxx ta' riskju ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

[3] A fol 53
[4] KAP 555 Art 19 (3)(b)

B'mod generali, il-BP203 kien portafoll ta' riskju medju. Il-BP203.1 kien xi ftit aktar riskjuz, mhux biss ghax il-komponenti tieghu kienu biss tliet *bonds* sottostanti, imma ghax zewg *bonds* minnhom kellhom *non-investment grade rating*.

Il-BP203 u l-BP203.1 certament li ma kienux adatti ghall-ilmentatur kif se jigi spjegat. Anzi, il-livell ta' riskju tal-BP203.1 kien pjuttost ftit aktar elevat mill-BP203 ghax il-firxa tar-riskju kienet limitata biss fuq tliet *bonds* (minn erbgha) u kien hemm *downgrade* fir-*ratings* ftit qabel Lulju 2015.

Mhijiex raguni min-naha tal-provditur tas-servizz, skont dak li stqarret it-tifla tal-ilmentatur, li meta staqsiet l-*advisor* ghaliex kien irrakkomanda dawn l-investimenti lil missierha, hu wegibha: '*... dawk kien hemm available u dawk offrielu*.'[5]

Biex portafoll ta' investiment jigi kkunsidrat ta' livell medju ta' riskju, wiehed irid ihares lejn kull *bond* sottostanti li kien jifforma dan il-portafoll. Irid jinghad li l-*issuers* tal-*bonds* huma kumpaniji zghar u ta' daqs medju Germanizi ('*German SMEs*'). Veru li r-riskju kien mifrux fuq erba' *bonds* differenti, imma kien hemm koncentrazzjoni f'suq wiehed partikolari ( l-*SMEs* Germanizi). Fil-kaz tal-BP203.1, ir-riskju zdied fil-koncentrazzjoni tieghu.

Element iehor importanti li jaghti hjiel tar-riskju huwa l-kupun ta' kull *bond* sottostanti. Ir-rata tal-imghax fuq kull *bond* ma kinitx baxxa, anzi pjuttost gholja, indikazzjoni ta' riskju pjuttost gholi.

Certament li qabel ma kellu jigi rakkomandat portafoll bhal dan lill-investitur, kellha issir analizi ta' jekk l-investimenti kienux jilhqu l-oggettivi tal-investitur; jekk kellux l-gharfien u l-esperjenza biex jifhem ir-riskji involuti fit-transazzjoni; u jekk kienx f'qaghda li jassorbi finanzjarjament kwalunkwe riskji ta' investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment.[6]

Il-profil tal-ilmentatur jindika bic-car li ma kienx f'qaghda janalizza dak li kien qed jinghad lilu. Ftit li xejn kien jaf jaqra u jikteb, u fl-investimenti ma jifhimx.

---

[5] A fol 53
[6] *Investment Services Rules - Standard Licence Conditions (SLC) 2.16*

Dwar gharfien u esperjenza, l-ilmentatur ma kellux xi esperjenza vasta fl-investimenti li seta' jifhem ir-riskji li kien fih dan l-investiment.

L-ilmentatur xehed li kien aktar familjari ma' tfaddil f'kontijiet il-bank milli f'investimenti.

L-ilmentatur sahaq li hu ried l-imghax biex ikollu xi jqassam lit-tfal. Hawnhekk wera bic-car li ma kienx xi bniedem ta' mezzi kbar jew ried jirriskja dak li bi tbatija kien faddal.

Ghalhekk ukoll titwemmen ir-reazzjoni tieghu li ried jigbed flusu meta l-*advisor* qallu li l-investiment tieghu ma kienx qed jaghmel profitt.

L-ilmentatur ma kienx f'qaghda li jassorbi finanzjarjament ir-riskju tal-investiment. Dan huwa konsistenti ma' dak li qal fix-xhieda tieghu li ma riedx investiment b'riskju. Kwalunkwe investiment fih ir-riskju, imma l-prodott offrut - l-BP203 - u kif swiccjat fil-BP203.1, kien investiment b'riskju oghla minn dak li ried l-ilmentatur jew li kien addattat u jiflah ghalih.

Ghalhekk, li kieku l-provditur tas-servizz ghamel analizi tajba tal-profil u qies sew l-aspettattivi ragonevoli tal-ilmentatur, ma kellux joffrilu dan il-prodott li ma kienx '*suitable*' ghalih u, ghalhekk, ghandu jitqies li l-provditur wettaq *mis-selling* tal-prodott.

Il-provditur tas-servizz huwa *Licence Holder* mill-*MFSA* biex jaghti servizzi ta' investiment finanzjarju, u kellu josserva l-aktar regola importanti: jigifieri li '*...huwa kellu jagixxi fl-ahjar interessi tal-konsumatur'*.[7]

F'dan il-kaz m'ghamilx hekk.

Barra minn hekk, bejn il-provditur tas-servizz u l-ilmentatur, kienet tezisti relazzjoni fiducjarja u l-provditur kellu jagixxi bhala missier tajjeb tal-familja u, ghalhekk, ma kellux ibieghlu l-prodott in kwistjoni.[8]

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jqis li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.

[7] SLC 2.01

[8] KAP 16, Art 1124 A et seq

F'kaz ta' *mis-selling* ta' prodott, l-ilmentatur ghandu jitpogga kemm jista' jkun fil-pozizzjoni tieghu qabel ghamel l-investiment.

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma'din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna *lil Crystal Finance Investments Ltd*. thallas lill-ilmentatur is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000).

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kaz huma a kariku tal-provditur tas-servizz

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.